



Brussell, 11 ta' Frar 2021

CM 1650/21

CODEC
TRANS
MAR
COVID-19
PROCED

KOMUNIKAZZJONI

PROĊEDURA BIL-MIKTUB

Kuntatt: ivana.dutkova@consilium.europa.eu /
codecision.adoption@consilium.europa.eu

Tel./Fax: +32 2 281 7125

Suġġett: Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi miżuri speċifiċi u temporanji fid-dawl tal-persistenza tal-kriżi tal-COVID-19 u rigward it-tiġdid jew l-estensjoni ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjonijiet, il-posponiment ta' ċerti kontrolli perjodiċi u taħriġ perjodiku f'ċerti oqsma tal-leġiżlazzjoni dwar it-trasport u l-estensjoni ta' ċerti perjodi msemmija fir-Regolament (UE) 2020/698 [2021/0012 (COD)]

Bidu tal-proċedura bil-miktub:

- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv, u

- Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' 8 ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE

Wara d-deċiżjoni li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) ħa fl-10 ta' Frar 2021, jekk jogħġbokkom indikaw:

- 1) jekk taqblux mal-adozzjoni tal-abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri speċifiċi u temporanji fid-dawl tal-persistenza tal-kriżi tal-COVID-19 u rigward it-tiġdid jew l-estensjoni ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjonijiet, il-posponiment ta' ċerti kontrolli perijodiċi u taħriġ perijodiku f'ċerti oqsma tal-leġislazzjoni dwar it-trasport u l-estensjoni ta' ċerti perijodi msemmija fir-Regolament (UE) 2020/698, kif jinsab fid-dokument PE-CONS 2/21.

Jekk jogħġbokom wieġbu IVA, LE jew ASTENSJONI.

- 2) jekk taqblux mad-deroga, abbażi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perijodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu, fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni kif stabbilita fil-preambolu tal-att leġislattiv.

Jekk jogħġbokom wieġbu IVA, LE jew ASTENSJONI.

Kwalunkwe dikjarazzjoni unilaterali għandha ssir fl-istess ħin tat-tweġiba għall-mistoqsija.

It-tweġibiet għaż-żewġ mistoqsijiet bil-posta elettronika lil ivana.dutkova@consilium.europa.eu u lil codecision.adoption@consilium.europa.eu jridu jaslu għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-**15 ta' Frar 2021 fl-10:00 (ħin ta' Brussell)**.